MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2011

Numru. 824/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ian J Abdilla]**

**vs**

**Emanuel Farrugia**

**Kumpilazzjoni Numru 824/2009**

**Illum 27 ta’ Lulju 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Emanuel Farrugia ta’ 46 sena, iben il-mejjet Michael u Mary nee’ Vassallo, imwieled Victoria, Ghawdex fl-20 ta’ Jannar 1963 u joqghod fil-fond Block G Flat 6, Triq tac-Cawla, Victoria, Ghawdex, u detentur ta’ l-karta tal-identita numru 4763G.

Akkuzat talli talli f’ Marzu 2009, u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’ mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’ xi mod li jkun, xjentement ghent jew assistejt lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, ikorrompew ufficcjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minhabba dan, dan l-ufficjal fid-Departiment tal-VAT naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi, tlabt, ircevejt, jew accettajt xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalik innifsek jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, cirkostanzi, b’mezz ta’ rigali, weghdiet jew b’xi mod li jkun, xjentement ghent jew assistejt lill-awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom, dawn b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igigeghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli:
(1) 18, 115 u 120 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) 18 u 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(3) 42, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) 17, 18, 23B, 31, 119 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat huwa persuna registrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[1] bin-numru 1101 9426; huwa jahdem bhala sewwieq ta' truck.

Illi l-imputat kellu xi problemi mad-Dipartiment fis-sens li hu kien qed jippretendi li ghandu jiehu xi refunds ghall-perjodu meta kien jahdem ma' kumpanija ingliza pero wara diversi tentattivi da parti ta'l-accountant ta'l-imputat irrizulta li dawn ir-rifuzjonijiet ma kienux dovuta. Sadattant l-imputat beda jahdem ma' kumpanija Maltija ghalhekk issa kellu jhallas VAT hawn Malta. Perogara li l-imputat qatt ma hallas it-taxxa dovuta hawn Malta ghaliex kien qed jittama li l-krediti li pretenda li kellu minn qabel kienu ser jibbilancjaw din it-taxxa li issa kienet saret dovuta. L-imputat ikkonsulta ma' accountant iehor u dan tah l-istess risposta, u cioe li dawk ir-refunds li kien qed jippretendi ma kienux dovuta.

Illi meta l-imputat gie rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni definittiva kollega tieghu qallu li seta' jlaqqghu ma xi hadd

[1] Minn hawn aktar 'l isfel imsejha "id-Dipartiment" jew "VAT" skond il-kaz.

li da parti tieghu seta' jghinu; fil-fatt dan hadu ghand certu Salvu Micallef f'garaxx is-Siggiewi. L-imputat qallu x'kienet il-problema tieghu u dan qallu issa ha jara. Ghaddiet sena zmien u Micallef cempel lill-imputat u dan rega' mar ghandu. Din id-darba Micallef talab lill-imputat biex jiffirmalu prokura biex ikun jista' jigbor dokumentazzjoni necessarja kemm mid-Dipartiment kif ukoll minghand l-accountant. F'din l-istess okkazzjoni Micallef talab hlas ta' €2,000. L-imputat dak in-nhar tah €1,000 (fi flus kontanti) b'l-intieza li meta jirrangalu jhallsu l-bilanc.

Illi l-imputat jallega li huwa ltaqa' ma' Salvu Micallef f'dawk iz-zewg okkazzjonijiet biss u li qatt ma rega kellmu.

Illi jirrizulta ukoll li hemm denunzja partikolari, dik ghal-perjodu ta' taxxa mill-ewwel 1 ta'Gunju 2008 sal-31 ta' Awissu 2008 li giet preparata darbtejn. L-ewwel wahda giet preparata fit-3 ta' Ottubru 2008 u tidher li hija l-formola li tintbaghat mid-Dipartiment lill-persuna registrata[2]; it-tieni wahda giet preparata f'l-14 ta' Ottubru 2008 u tidher li hi formola "in bjank" li kwalunkwe persuna tista' ggib mid-Dipartiment[3]; din it-tieni wahda turi kreditu favur l-imputat ta' €4596.74[4].

Illi ghandu jigi rilevat li hemm xi diskrepanzi fid-depozizzjoni ta'l-imputat li jimpingu fuq il-kredibilita tieghu. Huwa car li l-imputat fid-depozizzjoni tieghu kien qed jipprova jiminimizza l-kuntatt li kellu ma' Salvu Micallef. Hu jghid li ma' Micallef iltaqa' darbtejn biss, l-ewwel darba kemm iltaqa' mieghu u qallu x'kienet il-problema, u t-tieni darba, fuq inizjattiva ta' Micallef innifsu, mar biex jiffirma prokura li permezz taghha Micallef seta' jigbor dokumenti minghand l-accountant ta'l-imputat. Pero id-dokumenti esebieti juru li xi kuntatt ulterjuri bejn l-imputat u Micallef bil-fors kien hemm ghaliex id-denunzji kollha prezentati

---

[2] Ara Dok IJA3 a fol 418.

[3] Ara Dok IJA2 a fol 417.

[4] Ma' l-eghluq ta' kull perjodu ta' taxxa d-Dipartiment jibghat formola lill-persuna registrata sa biex timtela u terga tintbaghat lid-Dipariment; din il-formola jkollha id-dettalji kollha relevanti tal-persuna registrata koncernata printjati fuqha. Jekk ghal xi raguni dik il-formola tintilef jew ghal xi raguni ohra l-persuna registrata ikollu bzonn ohra, ikun jista' igib ohra mid-Dipartiment pero l-formola li kien jinghata kienet tkun *blank* b'mod li d-dettalji tal-persuna registrata jkollhom jimtlew bil-kitba.

lid-Dipartiment (inkluz dik ghall-perjodu ta’ taxxa mill-1 ta’ Gunju 2008 sal-31 ta’ Awissu 2008) huma iffirmati mill-imputat. Dan ifisser li bil-fors rega’ kien hemm xi kuntatt bejn l-imputat u Micallef biex l-imputat jiffirma d-denunzja li kellu jipprepara Micallef.

Illi punt relevanti iehor li johrog mid-depozizzjoni ta’ l-imputat hija li b’kuntrast ma kif jirreferi ghall-accountant tieghu u l-accountant l-iehor li kkonsulta mieghu xi darba, huwa qatt ma jirreferi ghal Salvu Micallef bhala accountant. In oltre l-imputat jammetti li mill-ewwel inkontru ma’ Micallef kellu dubbji dwar dan Salvu, dubbji li komplew jassodew ruhhom meta talbu €2,000 cash u ma tahx ricevuta.

Illi fattur jiehor li jitfa dell fuq il-verzjoni ta’ l-imputat hija l-ezistenza ta’ zewg denunzji ghall-istess perjodu, ovvjament miktuba minn persuni differenti u li jaghti informazzjoni differenti ghall-istess perjodu ta’ taxxa. Id-denunzja Dok IJA3 ma turi l-ebda infiq kapitali u konsegwentment ma turi l-ebda kreditu favur l-imputat. Relevanti ukoll hu l-fatt li din id-denunzja tidher li giet kompluta fit-3 ta’ Ottubru 2008 u ma gietx prezentata lid-Dipartiment; dan jirrizulta mhux biss ghaliex m’ghandhiex timbru tad-Dipartiment, imma anke mid-depozizzjoni ta’ Joanne Hefney. Id-denunzja l-ohra ghall-istess perjodu, Dok IJA2, li turi infiq kapitali u konsegwenti kreditu favur l-imputat, giet preparata wara, f’l-14 ta’ Ottubru 2008 u hija din id-denunzja li giet prezentata lid-Dipartiment.

Illi ghandu jinghad ukoll li l-imputat mhux qed jikkontesta l-fatt li l-kreditu rizultanti mid-denunzja in ezami mhux dovut.

Ikkunsidrat

Illi a skans ta’ ekwivoci l-Qorti thoss li f’dan l-istadju ghandha tissottolinea li hija trid tiggudika lill-imputat a bazi tal-provi prodotti fil-konfront tieghu u konsegwentement l-unici provi relevanti ghal kaz in ezami huma dawk akkwiziti f’dan il-process. Dak li jista’ jirrizulta f’proceduri ohra, anke jekk konnessi mal-kaz odjern, jew dak li

possibilment irrizulta lill-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjoni aktar wiesgha in konnessjoni ma' dan il-kaz, huma ghal kollox irrelevanti.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku.

Illi biex jissussisti dan ir-reat iridu jigu pruvati erba' elementi bazici:
1. in-natura ufficjali jew pubblika tal-persuna li ser tigi korrotta;
2. li dik il-persuna rcieviet jew accettat flus jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma kienux dovuta skond il-Ligi;
3. li dan sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg; u
4. li dan sar b'l-iskop li dik il-persuna taghmel jew ma taghmilx d-dmir taghha[5].

Illi tent kont tal-provi akkwiziti f'dan il-process pero din l-imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi mill-provi prodotti l-unici persuni li jirrizultaw involuti fil-fatti in ezami huma l-imputat u dan Salvu Micallef. M'hemm l-ebda accenn li dan Salvu Micallef huwa impjegat jew ufficjal pubbliku u lanqas m'hemm xi accenn li seta' kien hemm involuta xi terza persuna li possibilment kienet tokkupa ufficju pubbliku. Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija 'l hekk immsejjha *trading in influence* cioe r-reat komtemplat f'l-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif gie stabbilit f'gurisprudenza ricenti

---

[5] Ref Pulizija vs Alfred Demicoli Appell Kriminali deciz 02.05.1985.

*Minn ezami ta' l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija f'l-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwixxi kif jiddeciedi C, sija jekk dan il-vantagg ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor prezumibbilment D*.

*Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fissubartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C.*

*Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.*

*Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi f'l-artitolu 121A(2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu.*[6]

Illi l-Avukat Generali kwota l-artikolu 121A minghajr m'ghamel referenza ghal xi subartikolu minnhom. Huwa car mic-cirkostanzi tal-kaz in ezami li r-reat ipotezzat fit-tieni subartikolu ma jissussistiex ghaliex kif fuq spjegat

[6] Ref Republika ta' Malta vs Dr Noel Arrigo Qorti Kriminali deciza 13.06.2006 u anke Puklizija vs Gino Zammit Appell Kriminali deciz 17.09.2008.

dan is-subartikolu jirreferi ghal sitwazzjoni fejn l-imputat ikun qed jasserixxi li ghandu xi influwenza fuq xi ufficjal pubbliku u li jkun hu li jkun talab, ircieva jew accetta xi vantagg mhux xieraq[7].

Illi pero lanqas r-reat ipotezzat f'l-ewwel subartikolu ma jirrizulta u dan ghaliex minkejja li gie pruvat li l-imputat ta €1,000 lil Salvu Micallef u weghdu €1,000 ohra m'hemm l-ebda prova li tindika li Salvu Micallef kien ser jinvolvi xi terza persuna (ufficjal pubbliku jew xi persuna indikata f'l-artikoli 112 sa 120 tal-Kapitolu 9) f'dak li kien ser isir biex jigi dikjarat kreditu inezistenti favur l-imputat. Ghalhekk din it-tieni imputazzjoni ma gietx pruvata.

Ikkunsdrat

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta' komplicita fi truffa a dannu tal-Gvern ta' Malta.

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa l-awtur Francesco Antolisei jghid hekk:

*Nucleo essenziale del delitto in parola e' l'inganno col quale una persona viene indotta a compiere un atto, positivo o negativo, che importa una diminuzione del suo patrimonio col profitto del agente o di altri. Il consenso della vittima, carpito fraudolentemente, caratterizza il reato … Nella truffa … l'agente, mediante artifizi o ragiri riecse ad ottenere che la vittima si danneggii da se: consgna una cosa, assuma un obbligazione, rinunzi ad un suo diritto, ecc: compia insomma un atto di disposizione pregudizievole per il suo patrimonio e vantaggioso per altri.*

*La fattispecie oggettiva della truffa consta dei segwenti elementi:*

---

[7] Ghandu jigi irlevat ukoll li fic-citazzjoni hemm kwotat it-tieni subartikolu ta' l-artiklu 121A pero la darba l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-artikolu 121A kollu, u la draba l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni u tiddecidi fuq l-artikoli kwotati mill-Avukat Generali, li f'dan il-kaz allura jinkludu ukoll l-ewwel subartikolu ta'l-artikolu 121A l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ukoll anke r-reat ipotezzat taht l-ewwel subartikolu.

*(1) un particolare comportamento del reo, che il codice designa con l'espressione artifizi o raggiri;*
*(2) la causazione di errore, il quale … deve a sua volta dare origine a una dispozione patrimoniale;*
(3) *un danno patrimoniale derivato dell'inganno con conseguente profitto per l'agente o altra persona.*[8]

Illi diversi sentenzi tal-Qrati taghna jirribadixxu dan l-istess insenjament. Fil-fatt il-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent…… liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata*.[9]

Illi dwar id-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata, huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-gurisprudenza taghna li din id-distinzjoni hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-agent. It-tlett elementi fuq elenkati huma rikjesti ghaz-zewg reati; huma il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominati.

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm t-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konswgwenti qliegh ghall-agent. Dan it-telf hafna drabi ikun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi, dak li fid-dottrina huwa imsejjah mise en scene,*

[8] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale I pagna 354
[9] Ref Pulizija vs Emmanuele Ellul 20.06.1997.

*ikun hemm it-trufffa; jekk le ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata*[10]*.*

Illi dwar il-messa in xena l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[11]

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ikkomment ukoll l-istess Antolisei[12]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita*. .... *E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.

Dan l-awtur pero jkompli jghid li

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[13].

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-imputat ried, akkost ta' kollox, li ma jhallasx it-taxxa dovuta minnu minn meta beda jahdem ma' kumpanija maltija u kien ghalhekk li minkejja dak li qalulu zewg accountants baqa biex mar ghand dan Salvu Micallef. Is-soluzzjoni li tah Micallef kien li jikkrea kreditu immaginarju li permezz tieghu seta' jpaci t-taxxa dovuta. Biex isir dan kellha tigi preparata u

[10] Ref Pulizija vs Carmela German Appell Kriminali deciz 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[11] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[12] Op cit pagna 356
[13] Op cit pagna 357

mibghuta lid-Dipartiment denunzja differenti minn dik li kienet diga preparata (x'aktarx mill-accountant) b'mod li f'din it-tieni denunzja kien ser jirrizulta kreditu immaginarju favur l-imputat f'l-ammont ta' €4596.74. Dan il-kreditu (flimkien ma' krediti ohra dikjarati mill-imputat) effettivament intuza biex jibbilancja debiti li l-imputat kkellu mad-Dipartiment.

Illi ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li kull wahda mill-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' truffa jirrizulta minn dan il-kwadru ta' fatti. Jirrizulta ukoll li ghalkemm ma kienx l-imputat li prepara d-denunzja hu ffirmaha b'mod li kien jaf ezattament x'kien qed isir u konsegwentement irrenda lilu nnifsu komplici tar-reat li gie kommess. Din it-tielet imputazzjoni ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammont involuti u l-fedina penali ta'l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll li l-imputat ma ha l-ebda inizjattiva ta' xejn biex jirrimedja s-sitwazzjoni tieghu mad-Dipartiment jew biex jidhol f'xi arrangement biex l-ammonti li kienu dovuta minnu qabel ma saret it-tpaccija a bazi tal-kreditu immaginarji indikat fid-denunzja in kwistjoni jithallsu lid-Dipartiment.

Ghal dawn il-motivi fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 42, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlettax il-xahar prigunerija u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23B(2) ta'l-istess Kapitolu 9 qed tikkundannah ghal hlas ta' multa f'l-ammont ta' €4,596.74. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tikkundannah ukoll biex fi zmien sena jhallas is-somma ta' €1,424.47 rapprezentanti spejjez in konnessjoni mal-hatra ta' esperti.
.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------